# Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **29** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fis-6.15p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Skużat | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 28.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus Jannar* – Diċembru 2014
6. Aġġudikazzjoni tat-Tenderi KLM 2014/04 – *Works Tender for Embellishing the Bidni Area Marsaskala*
7. Approvazzjoni tal-budget għas-sena finanzjarja 2015.
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 28(1) tal-24 ta' Novembru 2014:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 3 punt #2.1.7 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni fuq punt #3.1 ta' paġna 4 fejn qal illi wara il-laqgħa preċidenti kien qara sew il-kontenut tal-appell fil-każ tal-applikazzjoni tal-pjanti fil-Bajja San Tumas u nnota illi hemm ħafna affarijiet imniżżla dwar il-Kunsill li mhux minnu, kif ukoll kien hemm imniżżel illi kien hemm xi pjanta ġdida illi aħna qatt ma rajna, kien hemm imniżżel ukoll li minn kiosk kien qed jitlob sabiex jiġi snack bar. Huwa qal ukoll illi jħossu urtat illi kull entita` kkonċernata kienet preżenti waqt dan l-appell u l-Kunsill tagħna lanqas kien hemm avukat jirrapreżentana".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 4 artiklu 3.1 il-ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi meta jkun ser jsir ix-xogħol u jkun hemm Triq ix-Xatt magħluqa hemm bżonn illi ssir katusa ukoll fi Triq ix-xatt minn ħdejn il-monument tal-ankra sa ħdejn Pjazza Mifsud Bonnici. Huwa kompla jispjega illi in-nofs l-ieħor diġa sar cioe` lejn in-naħa ta' Grabiel".*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u s-Sindku ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 27(1) tal-24 ta' Novembru 2014:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward punt #3.11 ta' paġna 6 jekk konniex bagħtna l-applikazzjoni fuq spazji pubbliċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi wara li ċċirkolajna d-*draft* lill-Kunsilliera, konna bagħtna l-applikazzjoni sabiex nadderixxu mad-*deadline*. Huwa kompla jispjega illi kien tkellem mal-Onor Buontempo fejn spjegalu illi din kienet rikjesta sabiex janallizaw il-proġetti li kull Kunsill jixtieq jwettaq.

Is-Sindku spjega illi hemm skema fuq proġetti kapitali, fejn kull Kunsillier jista japplika għal din l-iskema billi jsemmi xi proġett kapitali illi jixtieq jwettaq u jkun jista jirbaħ xi fondi. Huwa kompla jispjega illi kif spjegawlhom tajjeb waqt *seminar* li attenda s-Segretarju Eżekuttiv, illi preferenza ser tingħata għall-proġetti illi finalment ser jrendu flus lura lil Gvern. Huwa kompla jispjega illi kif hemm spjegat fid-*draft* tal-applikazzjoni, s-Segretarju Eżekuttiv kien ħareġ bl-ideja illi napplikaw bil-proġett tal-bini tal-Kunsill u peress illi f'dan il-bini ser jkun hemm inkorporata l-berġa tal-lokal allura minflok kull sena l-Kunsill jirċievi il-kera min-naħa tal-Gvern, l-ammont tal-kera jitnaqqas mill-ammont illi l-Kunsill jirbaħ u jingħata lura lid-Dipartiment biex b'hekk il-proġett jingħata iktar punti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi jekk napplikaw għal din l-iskema bl-ammont ta' €150,000 allura il-Kunsill jkollu bżonn biss jiddejjen l-ammont ta' €130,000 u ma jkollniex għalfejn lanqas nagħmlu referendum u l-*loan* tkun tista titħallas f'inqas żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk stajniex napplikaw fuq affarijiet oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi stajna applikajna fuq toroq iżda il-probabbilta illi nirbħu din l-iskema tkun inqas peress illi ser tingħata preferenza lil Kunsilli illi jista jrendu lura.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 punt #2.1.3, jekk ix-xogħol fuq il-ħajt li qed jiddeterjora fi triq iż-Żonqor kienx beda.

Is-Sindku nfurmah illi ser jibda x-xogħol fuqhu iktar tard.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 2 punt # 2.1.2 jekk għandiex xi risposta rigward il-papri u l-*fence* tal-Magħluq.

Is-Sindku wieġbu illi għad ma għandiex risposta.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 punt 2.1.7 jekk kellniex xi risposta min-naħa tal-MEPA fuq l-applikazzjoni tal-*isnack bar* ġewwa l-Bajja ta' San Tumas.

Is-Sindku qal illi f'affarijiet bħal dawn jridu jikkordinaw bejnithom sabiex ma terġax tiġri illi ma jkunx hemm rappreżentant min-naħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi issa rridu noqogħdu attenti peress li l-appellant jrid jerġa jitfa l-applikazzjoni mill-ġdid u għaldaqstant irridu noqogħu attenti fl-applikazzjonijiet li nirċievu għaliex irridu nerġgħu nevalwaw l-applikazzjoni mil-ġdid.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega fuq punt 3.3 ta' paġna 6, fejn qal illi l-kors tal-first aid kien sar u l-persuni illi attendew għal dan il-kors talbu sabiex jagħmlu kors ieħor fuq *pediatric first aid*, liema kors ħallsuħ l-applikanti stess. Huwa kompla jispjega illi dan il-kors sar ġewwa t-*training centre*.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera fuq punt #3.5 ta' paġna 5 illi l-*launch* min-naħa tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ Marsaskala ser jsir fil-31 ta' Jannar 2015. L-istediniet ntbgħatu kollha u kulħadd huwa mistieden li jattendi.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq punt 3.7 ta' paġna 5 jekk konniex bagħtna imejl u kellniex risposta rigward il-ħsara fuq il-vettura tal-inċident li kien sar ġewwa l-bidni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna baħtna imejl iżda ma kellniex risposta lura.

Il-Kusillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex nibgħatu *reminder* bil-posta.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

7.0 ***<u>Approvazzjoni tal-budget għas-sena finanzjarja 2015:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi f'dan il-*budget* għas-sena finanzjarja 2015 qed jiġi ppreżentat *deficit* ta' €70,000 li ġew minħabba t-*tipping fees* tal-*wasteserv*. Huwa kompla jispjega illi għalkemm il-Kunsill jrid iħallas skond l-allokazzjoni d-dipartiment kien ħareġ direttiva illi l-*invoices* kollha mil-Wasteserv iridu jidħlu fil-kotba tal-Kunsill.

Il-Kunsill jirċievi €50,000 mil-Gvern Ċentrali u l-invoices mil-Wasteserv jammontaw għal €120,000 kull sena.

➢ *Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal-laqgħa fis-6:50pm.*

L-Accountant is-Sinjura Doreen Mintoff bdiet tispjega l-budget għas-sena 2015.

7.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq *account* #1700, fejn innota illi n-nefqa tal-*overtime* naqset għas-sena 2015 u għaldaqstant irridu noqgħodu attenti illi l-figura tkun realistika. Huwa kompla jgħid illi rridu noqgħodu attenti fuq il-moniteraġġ tal-*overtime*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*overtime* ma jistgħax jitqies illi jkun bilfors kull nhar ta Sibt bi tmien siegħat kull darba, iżda biss meta jkun neċessarju.

Is-Sindku qal illi meta tikkunsidra kemm qed nifrankaw flus min-naħa tal-kuntrattur, l-*overtime* huwa minimu.

Kien hemm qbil unanimu illi l-*budget* għas-sena 2015 jitla għal €3500 fl-*account* #1700.

7.2 Il-Kunsill qabel unanimament illi *account* #0066 u #2800 il-kolonna tal-*budget* trid tiżdied b'€6250 peress li dawn huma fondi illi aħna ser nirċievu fuq il-proġett *Europe for Citiziens Siret*. Dan ifisser li t-total li se niċievu għal dan il-proġett minn Siret huwa ta' €12,500. €6250 minnhom diġa irċivejnihom u l-oħrajn nirċievuhom meta jitlesta l-proġett.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fuq *account* #0066 illi l-flus li kellna nirċievu fuq Triq La Sengle mingħand Enemalta għadna ma rċevejniehomx. Huwa kompla jsipjega illi biex applikajna għal dawl tal-Milied kellna nħallsu żewġ kontijiet pendenti li kellna magħhom. Huwa qal ukoll illi kif jiġu jitolbuna għal-permess ta' xi trinka mhux ser jiffirma għal permess qabel ma jħallsuna l-kontijiet pendenti li għandhom magħna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi meta jiġu għal permess ma niffirmawx qabel ma jħalsulna l-kontijiet pendenti.

7.4 Is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat fuq *account* # 1700 illi dan l-*account* il-figuri ġew daqshekk minħabba illi kien sar *resurfasing* f'diversi toroq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-parti ta' Triq tal-Gardiel hux ser issir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma tistax issir bħal Triq La Sengle illi jbidlu s-servizzi għaliex tiġi tiswa ħafna. Huwa kompla jispjega illi tinbarax ftit u tingħata it-tarmak.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq tal-Gardiel issir bil-*patching*.

7.4.1 Is-Sindku qal illi Triq ta' Rumi hemm bżomm li jsir *patching* ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq ta' Rumi issir bil-*patching*.

7.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk Triq Torri Mamo hijiex responsabilita tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġbu illi dik it-triq hija responsabilita tal-Gvern Ċentrali.

7.5 Is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat illi *account* # 3300 ġie miżjud minħabba l-fatt illi l-Iljieli Skalin din is-sena irridu nħalsu għalija aħna.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi nitolbu lid-dipartiment sabiex Jum Marsaskala jsir fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru u minflok ngħamlu Iljieli Skalin isiru ftit attivitajiet. Barra minn hekk huwa spjega ukoll illi jekk issir f'Ottubru nkunu nistgħu nġibu xi fondi mill-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku kompla jispjega illi qiegħed f'arranġamenti sabiex f'Settembru jiġu grupp ta' *performers* mil-Latvia u aħna nħallsu biss għall-akkomodazzjoni u l-ikel.

7.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex fil-*financial statements* jiġu mniżżlin xi *ratios.*

7.7 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux nżiedu l-allokazzjoni fuq il-latrini peress illi hemm ħafna ħsarat fuqhom. Huwa ssuġġerixxa illi kull sentejn għandna nagħmlu *refurbishment* fuq latrina waħda. Huwa kompla jispjega illi speċjalment il-latrini ta' ħdejn l-eks Jerma Palace tinsab fi stat gravi ħafna u għandha bżonn tinbidel kompletament. Huwa staqsa jekk nistgħux nużaw il-fondi tal-UIF sabiex ngħamlu *referbushment* fuq din il-latrina.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-*budget* kif emendata u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-Kunsill qabel unanimament dwar l-approvazzjoni tal-*budget* kif emendat.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Kiri tal-istabiliment Driftwood:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi kien kellem lill-propretarju sabiex nistaqsuh jekk hux interessat li jbigħ dan l-istabiliment. Huwa qal illi s-sid għandu l-ħsieb li jikrih għal €500 fix-xahar. Huwa qal li għalkemm bħala kiri hija inqas minn dik li nħalsu fil-preżent irrid nonfqu ammont konsiderevoli sabiex nirrenġawh filwaqt li l-Kunsill interessat li jixtri din il-propjeta.

3.2 **<u>Riżenja min-naħa tal-kuntrattur E Mifsud and Sons (35/0130/15/I):</u>**

Is-Sindku qal illi dan il-kuntrattur bgħatilna ittra ta' riżenja peress li mhux qed ilaħħaq mal-ammont ta' xogħol li għandu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naċċettaw ir-riżenja tiegħu u noħorġu *tender* ieħor, iżda l-kuntrattur għandu jkompli jaderixxi mal-kuntratt sakemm naġġuddikaw offerent ieħor.

3.3 **<u>Servizz ġdid ta' tqassim ta' ħwejjeġ użati lill-familji fqra (35/0119/15/I)</u>**

Il-Kunsill iddiksuta din il-proposta u għalkemm jaqbel mal-prinċipju ma jistax joffri t-*training centre* għal dan is-servizz peress li ma hemmx biżżejjed spazju.

3.4 **<u>Proposta għall-proġett mil-Marsaskala Sports Club biex jgħamlu użu mil-fondi tal-UIF (35/0120/15/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-President ta' dan klabb kien qed jitlob sabiex isir *stair lift* li jiswa madwar €3000 u nistgħu napplikaw għalih mill-fondi tal-UIF.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtara dan l-*istair lift* mill-fondi tal-UIF basta t-taraġ jibqa dejjem miftuħ u aċċessibli.

3.5 **Ittra legali għan-nom ta' Evelyn Scicluna dwar inċident li nqala fi Pjazza Mifsud Bonnici (35/0087/15/I):**

Is-Sindku spjega illi din il-mara kienet mixja fil-bandli, sabet *plastic cover* sfrundat, waqgħet u ħabtet wiċċa ġot-taraġ. Huwa kompla jispjega illi mill-*footage* tal-kameras illi għandna ġol bandli rajna li dan l-inċident veru sar.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien tkellem mal-*insurance* tagħna u mal-Avukata tagħna. Huwa kompla jgħid illi l-Avukata tal-Kunsill kellha tibgħat ittra lill-*Insurance* u s'issa għada ma bagħtitiex. Huwa qal illi din il-ġimgħa għandu laqgħa magħha u ser jerġa jfakkara fuq din l-ittra. Is-Segretarju Eżekuttiv se jipproċedi fuq il-każ mal-polża ta' assigurazzjoni.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-8:20pm.***

3.6 **Ittra mibgħuta lis-Sinjura Woolard rigward l-inċident tagħha fi Triq il-Bidni:**

Din il-kommunikazzjoni ġiet diskussa iktar kmieni f'punt #2.1.7

3.7 **Food Waste (35/6739/14/I):**

Is-Sindku spjega dan il-komunikat fejn il-Green Mt qed jissuġġerixxu sabiex l-iskart organiku jiġi separat.

Il-Kunsill ma qabilix ma din il-proposta.

3.8 **Proposta mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għall-proġett kapitali:**

Din il-komunikazzjoni ġiet diskussa iktar kmieni f'punt #2.1.1

3.9 **Data għal-laqgħa Annwali tal-Lokalita` (35/0275/15/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa annwali issir il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2015 fis-6.00pm ġewwa l-bini tal-WasteServ.

3.10 **Tender tal-Iskart:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi wasalna sabiex nibdew inħejju t-*tender* il-ġdid tal-iskart. Huwa staqsa lill-Kunsilliera jekk hemmx possibilta` illi naqqsu s-servizz tal-Ħadd sabiex innaqsu l-ispejjeż.

Is-Sindku qal illi ma jaqbilx għaliex in-nies issa draw is-sistema.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noħorġu t-*tender* il-ġdid u s-servizz tal-iskart jibqa kif inhu inkluż il-Ħadd. Il-Kunsill qabel illi nbiddlu biss illi s-servizz tal-iskart jibda jinġabar fit-8.00am u mhux qabel mir-residenzi.

3.11 **Laqgħa li saret mal-Onor Silvio Parnis:**

Is-Sindku beda biex jgħid illi għalkemm il-Kunsilliera kollha kienu nfurmati b'din il-laqgħa, attendew għalija hu u Segretarju Eżekuttiv. Huwa spjega illi l-għajdut li kien hemm fil-media huma kollha infondati u mhux ser tinbena lukanda fuq il-blat in-naħa taż-Żonqor. Huwa kompla jispjega illi qallulu illi l-ħsieb li tinbena lukanda huwa fil-parkeġġ ta' quddiem il-pixxina.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-parkeġġ mhux kollhu ~~tal-Gvern.~~

Il-parti tal-genb fejn hemm barrier u tmiss ... hija mogħdija lis-sports complex. Quddiem kollu huwa pubbliku

Is-Sindku kompla jgħid illi fil-laqgħa tkellmu fuq il-*hop on u hop off buses*, rotot bil-baħar, il-problema tal-magħluq u kif ukoll l-abbandun tal-Jerma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-aħħar ta' Frar ser issir laqgħa fuq l-iżvilupp sostenibbli u ser jkunu mistiedna l-NGO's l-għaqdiet ambjentali u ser issir ukoll laqgħa ma-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk din il-laqgħa hijiex relatata mal-istrateġija tat-turiżmu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa ser ssir bl-kollaborazzjoni anke mal-MTA u awtoritajiet oħra ikkonċernati.

3.12 **<u>Mobile Van tal-Għassa tal-Puluzija:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-*mobile van* tal-Għassa tal-Puluzija ma nħarġuliex il-permessi neċessarji u għaldaqstant ser jiċċaqlaq u jiġi fi Ġnien Sant' Anna.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ma ~~jaqbilx li~~ l-*mobile* ~~van~~ titmexxa min-naħa għal-oħra u staqsa lis-Sindku jekk għandux il-permessi neċessarji biex jitqiegħed fi Ġnien Sant'Anna.

Is-Sindku wieġeb li qed jittieħdu 'l passi kollha neċessarji biex jinġibu l-permessi min-naħa tal-Puluzija.

3.13 **<u>Attivita` tal-pageant:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi meta kien Għawdex kien ltaqa ma persuna illi ittellgħa l-*pageant* u talaba sabiex tibgħatilna kwotazzjoni. Is-Sindku spjega li din is-sena se jipprova jagħmel pageant b'differenza u kif ikollu iktar informazzjoni jgħaddiha għall-attenzjoni tal-Kunsill.

3.14 **<u>Delegazzjoni minn Siret:</u>**

Is-Sindku nforma lill Kunsilliera illi d-delagazzjoni minn Siret ser tiġi mit-22 sal- 25 ta' Jannar u stieden lill-Kunsilliera sabiex jieħdu sehem f'dawn l-attiviajiet. Dan huwa proġett Europe for Citizens fejn il-Lead Partner huwa l-Kunsill ta' Siret.

3.15 **<u>Pubblikazzjoni tal-magazine:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa lill-Kunsilliera jekk hux ser nippublikaw l-*magazine* għal-Għid.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-magazine nippublikawh fis-sajf jinħarġu total ta' żewġ edizzjonijiet fis-sena.

3.16 **<u>Palma bid-dawl:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi r-*rope light* li hemm mdawwar ma palma quddiem il-Kunsill ser jgħamluh b'*garden fence* biex ir-*rope light* jiġi marbut aħjar. Huwa kompla jgħid illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi li ngħamlu ħafna pal bħalhom irridu *noħorġu tender.* Huwa qal illi irridu nkejlu id-distanza u kull tant metri nagħmlu waħda, bejn wieħed u ieħor issir waħda kull 10 metri.

Kull tiżjin tad-dawl mal-palma tiswa €250 u jridu jiżdied ukoll il-frejm iggalvanizzat u possibilment jinxtel fi żmien il-Milied u fis-Sajf.

3.17 **Tibdil ta' knatazz:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm bżonn li nbidlu l-katnazzi sabiex neliminaw iċ-ċwievet u nixtru katnazzi bil-*codes*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jixtru żewġ katnazzi bi prova.

3.17 **Vouchers tac-Ceilacs :**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk il-Kunsill irċieviex il-*vouchers* tal-persuni li huma *celiac*.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmah illi l-*vouchers* irċivejniehom u diġa bdew jittieħdu mir-residenti konċernati.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

1) Nexos Street Lighting bin-numru tal-invoice 1260 li jammonta għal €3775.95 rigward street lighting.
2) Oasis Ironmongery bin-numru tal-invoice 322 li jammonata għal-€11.40, invoice #1278 li jammonta għal €31.87 u invoice #329 li jammonta għal €160.93 rigward consumables.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward il-ħlas ta' dawn il-pagamenti.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiter ġibed l-attenzjoni illi rigward paġament #2204 tal-*Malta Red Cross* għalkemm l-*invoice* tammonta għal €340, il-Kunsill kien irċieva 10 applikazzjonijiet li attendew għal kors u ħallsu lill-Kunsill is-somma ta' €240 biex b'hekk il-Kunsill ħareġ is-somma ta' €100 biss.

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Approvazzjoni tal-Performance Bonus Jannar – Diċembru 2014:***

Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tax-xogħol li jwettqu matul is-sena u rrakomanda illi jingħataw il-massimu tal-*performance bonus*.

Il-Kunsill qabel unanaimament.

6.0 ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2014/04 –Works tender for Embellishing the Bidni Area Marsaskala:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi il-bord kien iltaqa u kien talab kjarifika u wara l-bord reġa ltaqa u ddeċieda illi l-kjarifika hija tajba. Huw kompla jispjega illi bħala offerent kien hemm

wieħed biss u sas-17 ta' Marzu 2015 il-proġett jrid jkun lest. Għaldaqstant il-bord kien qed jirrakkomanda lir-*Road Maintenance Services Ltd* peress li dan il-kuntrattur kien *technically and administravely compliant* u kien l-uniku offerent.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex naġġudikaw din is-sejħa lir-*Road Maintenance Services Ltd.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-problema li għandu dan il-kuntrattur hija li jrid iġib il-permess min-naħa tat-TM u jinfurmaw l-entitajiet sabiex jiċċekjaw illi s-servizzi huwa tajbin jew jekk għandhomx il-ħsieb illi jinbidlu is-servizzi u dan il-proċess jieħu ħafna żmien u peress li d-deadline tat-twettieq ta' dan il-proġett qiegħed qrib jinsab inkwetat li mhux ser jkollna r-risposta min-naħa tat-TM kemm jista jkun malajr biex ix-xogħol jinbeda.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-kuntrattur japplika t-TM u aħna min-naħa tagħna nkellmu lil l-awtorita` kkonċernata sabiex nipprovaw ngħaġġlu l-proċess.

8.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

9.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#087 – 16/1/15):</u>**

*"Jipproponi sabiex li nagħmlu bozza ġdida fi trejqa ġewwa bajja San Tumas."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

10.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni mill-Kunsilliera

11.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-22:00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |